Kitba ta' **Charles Clews**

# Il-Logħob tan-Nar fil-Festi Tagħna

Hawn bosta nies li jgħidu, u bir-raġun kollu, li festa Maltija mingħajr baned mhix festa. Imma ssib min, mill-banda l-oħra jgħidlek, li festa mingħajr nar piroteknikù ma tkunx festa kompluta. Irridu nammettu li għalina l-Maltin, dan huwa kollu minnu: issa drajna speċjalment mill-Gwerra (1939-1945) 'il hawn, li rridu l-festa kollha, kompluta bil-*programm* tan-nar.

Illum irridu l-*kaxxa* fil-mota tan-Novena (jew tridu), il-kaxxa ta' lejlet lejlet il-festa meta ntellgħu xi vara fuq il-kolonna, irridu l-kaxxa tat-Te Deum, u salut mal-ħruġ tal-vara, u kaxxa tal-ħruġ u kaxxa tad-dħul, u tant u tant *servizzi* oħrajn. U meta qed ngħid *kaxxa*, qed infisser il-kaxxa infernali. U hawn ta' min jistaqsi għaliex tissejjaħ infernali din il-kaxxa, għalkemm donnha li t-tweġiba tiġi waħedha: dawk il-ħsejjes kollha, f'ħin wieħed!

Dari, speċjalment fil-Kottonera, meta ma tantx għandna għelieqi bħall-irħula tal-kampanja fejn nagħmlu l-murtali, konna niddubbaw b'ħafna musketterija, jew trikkitrakki kif hawn min isejħilhom, u l-Ingliżi *Chinese crackers*. Il-kelma musketterija ġejja miż-żmien meta f'xi festa kemm statali u kemm reliġjuża, kienu jużaw il-muskettieri biex jagħtu s-salut.

Il-muskettieri kienu hekk imsejħin għax jużaw il-*moschetto*, xkubetta bil-kanna twila, li llum ħa postha l-azzarin. Anke fi żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni kienu jużaw dan ir-ritwal: il-moskettieri, bl-arma ppuntata 'l fuq, ikkargata b'tir *in-bjank*, kienu, mas-sinjal, jibdew jisparaw wieħed wara l-ieħor, u jagħmlu l-effett li tagħmel illum il-musketterija, quddiem il-knisja mnejn toħroġ proċessjoni, jew f'misraħ, f'xi festa.

## *Marco Polo*

Dan għandna narawh illum lokalment meta kemm il-pulizija, u kemm l-armata, f'xi ċerimonja, jagħmlu dak li hu msejjaħ il-*feu-de-joie*, letteralment (mill-Franċiż) nar ta' ferħ, jiġifieri mhux ta' kumbatt, ta' gwerra, wieħed ħdejn l-ieħor, jisparaw wara xulxin.

Il-logħob tan-nar minn dejjem kien popolari, speċjalment maċ-Ċiniżi, li forsi kienu huma li oriġinawh, u kemm min-nies bħall-Ispanjoli, it-Taljani u s-Sudamerikani. Għalkemm li hawn min jgħid li kien Marco Polo (c.1254 - c.1324) li kien ġiebu miċ-Ċina lejn l-Ewropa n-nar, iżda hawn min jgħid ukoll li f'Ruma antika kienu jagħmlu logħob tan-nar fil-festi ta' Ruma pagana. Hemm xorta ta' murtaletti żgħar, li jitfgħu fl-ajru kuluri b'għadd ta' murtaletti, li huma msejħin Candele Romane (xemgħa Ruman) li hawn min jgħid li kienu appuntu jintużaw fl-epoka li semmejna.

Il-logħob tan-nar, minnu nnifsu huwa spettakolari, ipaxxi l-għajn, u jagħti pjaċir. Kif qegħdin naraw, illum anke f'dan id-delizzju, daħlet l-ispeċjalizzazzjoni u t-teknika moderna. Qegħdin naraw li fix-xogħol tiegħu daħal anke l-*computer*, u b'hekk anke xogħol sinkronizzat mal-mużika, li hu tassew modern u pjaċevoli, naraw.




*In-Nar – Murtali lesti qabel ma jinħarqu*

Għadda dak iż-żmien, meta kienu jgħidu, biex ikunu jafu l-kulur ta' l-istilel tal-murtali x'inhu, kienu jridu jmissuh u jduquh u jgħidu hux aħdar jew ikħal, kif kienu qalulna, mhux darba fi tfuliti, nies li kienu jaħdmuh, abbuż li ġieli kien fatali.

Anke hawn Malta, rajna progress kbir fix-xogħol tan-nar, u naraw aktar perfezzjoni fil-ftuħ tal-murtali tal-kulur, u tara inqas *ċfuf* kif kienu jsejħu lil dawk il-murtali li jiftħu ferm 'il bogħod minn tond perfett.

Iżda nghidu li ċ-Ċiniżi kienu ferm aktar kmieni avvanzati fil-logħob tan-nar. Insibu li Genghis Khan (1162-1227), konkwistatur Mongolu li l-imperu tiegħu kien fl-aħħar jestendi mix-xtut ta' l-Oċean Paċifiku sal-Baħar l-Iswed, kien rebaħ mhux battalja waħda bis-saħħa tas-sorpriża tan-nar.

Meta l-għadu tiegħu lanqas biss kien jobsor li barra x-xwabel u lanez ma kinux jeżistu armi iżjed, dan kien jissorprendihom billi kif javvanzaw, kienu jsibu ma' wiċċhom xita ta' nar minn *rockets* ħerġin minn toqob u soqfa li qatt ma basru bihom.

Ta' min isemmi hawnhekk, il-maskli, li kienu jintużaw kemm fl-Isla u kemm fil-Birgu iżda ma tantx qatt isemma' li kienu magħrufa wisq f'Bormla, għalkemm li f'xi epoka, meta ma kinitx bdiet forsi tintuża l-putassa, kulħadd kien jirrikorri għall-maskli, saħansitra s-suldati ta' l-ordni, għal ċerti servizzi, bħas-saluti minn Sant'Anġlu fil-festi tal-Kottonera u tal-Belt.

Anke fil-bidu tal-Gwerra, fl-1940, kien hemm ċerti rħula, fejn kienu jiġu sparati maskli biex juru li ġej attakk mill-ajru, qabel ma waslu s-sireni bit-tnewwieħa tagħhom.

Hawn Malta għandna xi rħula li huma msemmija għan-nar tagħhom, u jiġbdu ħafna nies, u hawn dilettanti ferventi kemm li jaħdmuh, u kemm li jarawh. U ntennu li l-festi ma huma xejn mingħajr in-nar, iżda jkun isbaħ jekk ma jkunx esaġerat, jekk l-enfasi tkun aktar fuq il-ġmiel, spettaklu, milli fuq il-*bumm bumm*, li jaħsad lil kulħadd, xjuħ, tfal, u anke annimali, u l-iżjed il-morda.

Ma tkunx komplet meta titkellem fuq in-nar u ma ssemmix il-periklu tiegħu: dan aħna nafuh mill-qrib, għax ilkoll nafu kemm diżgrazzi kellna hawn Malta kaġun tan-nar. U anke barra minn Malta. Jien u nikteb għad għandi f'moħħi friski każ li ġara Napli, meta taret

kamra tan-nar, u oħra fl-Indja, li kellha konsegwenzi ferm aktar koroħ, reċentement.

Ix-xogħol tan-nar irid attenzjoni u, kif kien jgħidli ħabib tiegħi li kien jaħdmu, *suġġizzjoni minnu. U ...in-nar tagħmlu int, u jaħarqu x-xitan!*

## Bormla 100 sena ilu...

### The Rest Margherita Hill

*The Lecture Hall* ta' dan il-post reġa' kien iffullat nhar il-Ġimgħa. Għadd ta' tfal u kbar, studenti ħadu sehem fid-divertiment ta' dik il-lejla.

Mas-sebgħa u nofs is-sala kienet mimlija, u dawk li ġew fil-ħin imħabbar – 7.45pm – ma setgħux jidħlu. *Encores* (bis) ma setgħux isiru minħabba t-tul tal-programm. Kelma ta' tifħir għandha tmur lil Miss Inglott, għall-interpretazzjoni simpatika ta' dik il-kbira fantasija, *Martha*. (Mill-Ingliż ta' *The Daily Malta Chronicle*, 20 ta' Jannar, 1902.)

Il-lum, 'The Rest' huwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

### Il-Kan. S. Portughes

Jisgħobbina nħabbru l-mewt tal-Kan. S. Portughes, Arċipriet ta' Bormla li ġrat nhar it-Tnejn, fid-9.30pm. Ir-Rev. Ġentilwom, li kellu 51 sena, kien maħbub ħafna minn kull min kien jafu. (*Daily Malta Chronicle*, 29 ta' Jannar, 1902)

Nieħdu pjaċir inħabbru li sirna nafu li r-Rev. Don Giovanni Cauchi ġie magħżul biex jimla l-kariga ta' Arċipriet ta' Bormla, minflok il-W.R. Arċipriet S. Portughes, li kien miet. In-nomina tar-Rev. Cauchi ntlaqgħet bl-approvazzjoni tal-Bormliżi kollha li jafuh. (*Daily Malta Chronicle*, 22 ta' April, 1902)

(Minn *A Century Ago*, ta' *The Times*)

Minn qalbi nixtieq festa tajba, ferrieħa u qaddisa lil kulħadd.




**Fiorini's Trading Co. Ltd**

*Distributor of*
*Pharmaceuticals*
*and*
*Toiletries*

2/3, A.M. Valperga Street,
Fgura PLA 15

Tel: (356) 21 803863/4/5
Fax: (356) 21 803865